Nru. 18,231
Prezz/Price
€2.98 (Lm1.28)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 18 ta' April, 2008
Friday, 18th April, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 327

ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP

Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 13 (1A) (a) u (b) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Prim Ministru ħatar lill-persuni msemmija hawn taħt biex jerġgħu jagħmlu parti mill-Fergħat tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp sal-31 ta' Diċembru, 2008. Fil-każ li jkun hemm xi riforma fl-Awtorità qabel din id-data, dawn in-nominazzjonijiet jiġu terminati ma' din ir-riforma:

Fergħa B

Chairperson
Ms Mariella Axisa

Membru
Is-Sur Patrick Calleja

Fergħa Ċ

Chairperson
Is-Sur Norbert Gatt

Membru
Is-Sur Claude Muscat

It-18 ta' April, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 327

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 1992

Development Control Commissions

IT is notified for general information that, in virtue of the powers conferred by Articles 13(1A) (a) and (b) of the Development Planning Act 1992, the Prime Minister has re-appointed the following persons to form part of the Development Control Commissions up to 31st December, 2008. However, in the case of restructuring in the Authority prior to this date, the appointments will end with the restructuring:

Division B

Chairperson
Ms Mariella Axisa

Member
Mr Patrick Calleja

Division C

Chairperson
Mr Norbert Gatt

Member
Mr Claude Muscat

18th April, 2008

Nru. 328

ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP

Membri tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħat mogħtija bl-artikolu 13(1)(ċ) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-persuni li jidhru hawn taħt ġew nominati mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex jerġgħu jagħmlu parti mill-Fergħat tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp sal-31 ta' Diċembru, 2008. Minkejja dan, fil-każ li jkun hemm xi riforma fl-Awtorità qabel din id-data, dawn in-nominazzjonijiet jiġu terminati ma' din ir-riforma:

Fergħa B

Is-Sur Joe Spiteri Bailey

Fergħa Ċ

Is-Sur Kenneth Zammit Endrich
Is-Sur Joe Attard Tabone

It-18 ta' April, 2008

No. 328

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 1992

Members of the Development Control Commissions

IT is notified for general information that, in virtue of the powers conferred by Article 13(1)(c) of the Development Planning Act 1992, the following persons have been re-appointed by the Malta Environment and Planning Authority to form part of the Development Control Commissions up to 31 December, 2008. However, in the case of restructuring in the Authority prior to this date, the appointments will end with the restructuring:

Division B

Mr Joe Spiteri Bailey

Division C

Mr Kenneth Zammit Endrich
Mr Joe Attard Tabone

18th April, 2008

Nru. 329

ATT DWAR IR-RATIFIKA TAL-KONVENZJONI DWAR ARMI KIMIĊI (KAP. 392)

Awtorità Nazzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar Armi Kimiċi

SKOND l-artikolu 5 ta' l-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni dwar Armi Kimiċi, id-Deputat Prim Ministru u Ministru ta' l-Affarijiet Barranin stabbilixxa kif ġej l-Awtorità Nazzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi mill-11 ta' April, 2008.

Direttur
Prof. Alfred J. Vella, BSc, MSc, PhD, C Chem, FRSC.

Spettur
Is-Sur John Sammut

Membri
Is-Sur Albert Gambin
Is-Sur Joseph Cole
Is-Sur Albert Ghigo

It-18 ta' April, 2008

No. 329

RATIFICATION OF CHEMICAL WEAPONS CONVENTION ACT, 1997 (CAP. 392)

National Authority for the Implementation of the Chemical Weapons Convention

IN terms of section 5 of the Ratification of the Chemical Weapons Convention Act, the Deputy Prime Minister and Minister of Foreign Affairs has established the National Authority for the Implementation of the Chemical Weapons Convention, as from 11th April, 2008, as follows

Director
Prof. Alfred J. Vella, BSc, MSc, PhD, C Chem, FRSC.

Inspector
Mr John Sammut

Members
Mr Albert Gambin
Mr Joseph Cole
Mr Albert Ghigo

18th April, 2008

Nru. 330

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI

NGĦARRFUgħall-informazzjoni ta' kulħadd illi dawn li jidhru hawn taħt inħatru bħala Kuraturi Uffiċjali u Avukati għall-Għajnuna Legali għall-perjodu bejn l-14 ta' April, 2008 u t-28 ta' Frar, 2009, b'żieda mal-lista skond in-Notifikazzjoni tal-Gvern tad-19 ta' Frar, 2008.

Malta
Dott. Martin Fenech, LL.D.

Għawdex
Dott. Jean Paul Grech, LL.D.

L-14 ta' April, 2008
MJ/44/88/IV

No. 330

CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE

IT is notified for general information that the following have been appointed Official Curators and Advocates for Legal Aid, for a period between 14th April, 2008 and 28th February, 2009, in addition to the list issued in the Government Notice No. 158 of the 19th February, 2008.

Malta
Dr Martin Fenech, LL.D.

Gozo
Dr Jean Paul Grech, LL.D.

14th April, 2008

Nru. 331

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Noel Bartolo	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	21-24.4.2008

It-18 ta' April, 2008

No. 331

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

18th April, 2008

Nru. 332

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR GVERN LOKALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Silvio Frendo	Aġent Direttur Gvern Lokali *Acting Director Local Government*	Gvern Lokali *Local Government*	21-23.04.2008

It-18 ta' April, 2008

No. 332

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR LOCAL GOVERNMENT

THE Permanent Secretary within the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

18th April, 2008

Nru. 333

***BILLS* TAT-TEŻOR TA' MALTA**

(KAP. 133)

Ħruġ ta' Kalendarju

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull *bill* tat-Teżor li ser jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' Mejju 2008 u li huwa ppubblikat mill-*Accountant General* skond u għall-finijiet ta' regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar id-Demarterjalizzazzjoni tal-bills tat-Tezor ta' Malta ta' l-Avviz Legali Nru. 59 ta' l-2007:

No. 333

MALTA TREASURY BILLS ACT

(CAP. 133)

Notice of Issuance Calendar

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of May 2008 and is published by the Accountant General in terms of regulation 5 of the Malta Treasury Bills (Dematerialisation) Regulations, 2007 of Legal Notice No. 59 of 2007:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
28	29 TB Tender Date	30	1 **Public Holiday**	2 TB Issue of 91 days maturing 1 August 2008
5	6 TB Tender Date	7	8	9 TB Issue of 182 days maturing 7 November 2008
12	13 TB Tender Date	14	15	16 TB Issue of 90 days maturing 14 August 2008
19	20 TB Tender Date	21	22	23 TB Issue of 273 days maturing 20 February 2009
26	27 TB Tender Date	28	29	30 TB Issue of 182 days maturing 28 November 2008

Notes:- *Note: TB = Treasury Bills*

1. Treasury Bills Auctions are held every Tuesday and successful bids are settled the following Friday.
2. When either of these days falls on a Public Holiday the auction takes place on the first working day immediately before.
3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.
4. Bids on Tender forms, which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m. on the tender date. Such bids may either be made directly to the Treasury or transmitted by fax on 25967210 or by e-mail.
5. Only offers with a definite yield shall be considered.
6. 28 day tenor minimum amount is €250,000, other tenor €50,000. Above this minimum must be in multiples of €1,000.
7. With regard to the tenor, the following days will apply:

1 month = 28 days	9 months = 273 days
3 months = 91 days	12 months = 364 days
6 months = 182 days	

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same yield as that for the whole amount he has tendered for.
9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day.
10. Settlement of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m. on the date on which the relative Bills are dated. Payments may be effected either by cheque, made payable to the Accountant General or by bank transfer to the credit of the Public Account, Account number 40001 EUR-CMG5-001-H, with the Central Bank of Malta. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill.
11. The Accountant General reserves the right of not accepting any tender. For further information please refer to the Malta Treasury Bills General Prospectus at www.treasury.gov.mt

18th April, 2008

Nru. 334

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 334

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjan Privat
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Saviour Cassar	241985 (M)	"Kenn il-Ħarruba", Triq Fra Ġammari Zammit, Bubaqra, Żurrieq

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat;

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

It-18 ta' April, 2008

18th April, 2008

Nru. 335

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Notarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dott. Mario Rosario Bonello, LL.D., bħala Nutar Delegat ta' l-Atti tan-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba, LL.D. sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mit-18 ta' April 2008 sas-6 ta' Mejju 2008.

CHRISTINE MICALLEF
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Is-16 ta' April, 2008

No. 335

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CHAPTER 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Mario Rosario Bonello, LL.D., to be Notary Delegate for Notary Dr Jeannette Laferla Saliba, LL.D. during the latter's absence from these Islands from the 18th April 2008 till the 6th May 2008.

CHRISTINE MICALLEF
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

16th April, 2008

Nru. 336

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold* *Grams*	*Pure Silver* *Grams*
18. 04. 08	€19.010 (Lm8.16,1)	€0.387 (Lm0.16,6)

It-18 ta' April, 2008

No. 336

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

18th April, 2008

DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Ingaġġ ta' *Supply Learning Support Assistants (Supply LSAs)* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE)

Id-Direttur Ġenerali (DSE) jgħarraf li d-Direttorat għal Servizzi Edukattivi għandu l-ħsieb li jħejji lista ta' riserva ta' *Supply LSAs* biex jgħinu lil studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali u qed jilqa' applikazzjonijiet għal dan il-għan.

2. Dan l-ingaġġ huwa ta' natura għal kollox temporanju u jista' jintemm fid-diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali, DSE, meta dawn is-servizzi, għal xi raġuni, ma jkunux aktar meħtieġa. F'kull każ, l-ingaġġ jiġi sospiż jew jintemm awtomatikament fl-aħħar ġurnata meta l-iskola tagħlaq għall-vaganzi tas-sajf. *Supply LSA* jista' jerġa' jiġi ingaġġat fis-sena ta' wara jekk is-servizzi ta' dawn ikunu meħtieġa. *Supply LSA* jista' jtemm l-ingaġġ tiegħu/tagħha f'kull żmien, iżda għandu jingħata avviż ta' ġimagħtejn bil-miktub.

3. *Supply LSAs* jitħallsu bir-rata tal-Minimu ta' Skala 15 €40.18 (Lm17.25) kull ġurnata tax-xogħol, u huma wkoll intitolati għall-*bonus* annwali u l-*weekly income supplement,* fuq bażi *pro-rata,* skond l-għadd tas-siegħat maħduma.

4. L-applikanti magħżula jistgħu jiġu assenjati biex iservu fi kwalunkwe Kulleġġ, skola, jew f'xi istituzzjoni edukattiva fejn id-DSE qed tagħti servizz edukattiv lil studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali, f'Malta jew f'Għawdex. *Supply LSA* jista' jiġi trasferit minn skola għall-oħra, jew f'xi istituzzjoni edukattiva fejn id-DSE qed jagħti servizz lill-studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali.

5. *Supply LSAs* huma obbligati li jsegwu korsijiet għall-iżvilupp professjonali, programmi ta' taħriġ *in-service* u/jew kors ta' *induction,* skond ir-rwol u l-funzjonijiet tagħhom kif indikat mill-Kap ta' Skola, Prinċipal ta' Kulleġġ jew mid-DSE.

6. *Supply LSAs* li huma ingaġġati jistgħu jiġu assenjati temporanjament u jiġu trasferiti skond il-ħtiġiet tas-servizz.

7. *Supply LSAs* għandhom jadottaw u jimplimentaw il-pjan ta' żvilupp ta' l-iskola fejn qed jagħtu servizz.

8. *Supply LSAs* għandhom jaħdmu skond il-bżonnijiet ta' l-istudenti bi bżonnijiet edukattivi individwali li jkunu statemented. *Supply LSA* jistgħu jintalbu li jagħtu servizz f'aktar minn skola jew ċentru wieħed.

DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES

Engagement of Supply Learning Support Assistants (Supply LSAs) in the Directorate for Educational Services (DES)

The Director General (DES) notifies that the Directorate for Educational Services is in the process of compiling a reserve list of prospective Supply LSAs to support students with individual educational needs and invites applications for this purpose.

2. This engagement is of an entirely temporary nature and may be terminated at the discretion of the Director General, DES when such services are, for any reason, no longer required. In any case, engagement will be suspended or terminated automatically on the last day when the school closes for the summer holidays. A Supply LSA may be re-engaged for the following scholastic year if their services are still required. Applicants may also terminate their engagement at any time, but two weeks prior notice must be given in writing.

3. Supply LSAs will be paid at the rate of the Minimum of Scale 15 €40.18 (Lm17.25) per working day. They will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on pro-rata basis according to the number of hours worked.

4. Selected applicants may be assigned to serve in any College, school or educational institution where the DES is providing educational services to students with individual educational needs, in Malta and Gozo. A Supply LSA may be transferred from one school to another or to an educational institution where the DES is providing educational services to students with individual educational needs.

5. Supply LSAs are required to follow professional development courses, in-service training programmes and/or an induction course as appropriate to their role and functions, as indicated by the Head of School, College Principal or the DES.

6. Supply LSAs who are engaged may be assigned temporarily and transferred according to the exigencies of the service.

7. Supply LSAs shall adopt and work towards the implementation of the school development plan of the particular school they are giving service in.

8. Supply LSAs shall be required to work according to the individual educational needs of students with a statement. A Supply LSA may be required to provide service in more than one school/centre.

9. Id-doveri u r-responsabbiltajiet tas-*Supply LSAs* jinkludu:

a) Għajnuna fit-tagħlim:

i) Jgħinu u jaħdmu id f'id ma' l-għalliema tal-klassi u ma' kollegi oħra. Taħt il-gwida ta' l-għalliema tal-klassi, jassistu fl-edukazzjoni ta' l-istudenti kollha tal-klassi u b'mod partikulari, ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali biex jiġu pprovduti l-ħtiġiet kurrikulari ta' studenti individwali;

ii) Jipparteċipaw bi sħiħ fis-sessjonijiet tal-*Making Action Plans (MAPs);*

iii) Flimkien ma' l-għalliema tal-klassi, jiżviluppaw u jwettqu l-programm individwali edukattiv (IEPs) billi jadattaw il-pjanijiet tal-lezzjoni u r-riżorsi;

iv) Jattendu laqgħat tal-IEP u ta' l-*Individual Transition Plan;*

v) Jirrevedu IEPs, inkluż li jżommu rekord ta' u jirrapportaw dwar il-progress ta' programmi simili fuq bażi regolari;

vi) Jagħtu appoġġ lill-għalliema tal-klassi biex jiġi ppreparat u miktub id-dokument ta' l-IEP għal kull student fil-klassi li għandu statement;

vii) Jgħinu fit-tħejjija ta' materjal edukattiv u jieħdu sehem attiv fl-oqsma kollha ta' proċess edukattiv fil-klassi taħt id-direzzjoni ta' l-għalliema fil-klassi;

viii) Id f'id ma' l-għalliema tal-klassi, jieħdu sehem fl-osservazzjoni, l-assessjar u d-dokumentazzjoni tal-ħidma u ta' l-imġiba ta' l-istudenti inklużi;

ix) Jipparteċipaw fi programmi rispettivi li jiffaċilitaw il-mixja ta' studenti individwali minn livell edukattiv għal ieħor, minn skola għall-oħra, u mill-iskola għall-post tax-xogħol billi jagħtu l-informazzjoni u dokumenti relevanti lill-kollegi kkonċernati u indikati ħalli ssir transizzjoni bla skossi għall-istudent;

x) Jippromwovu komunità inklussiva ta' studenti, f'kollaborazzjoni ma' Koordinaturi ta' l-Edukazzjoni Inklussiva (INCOs), speċjalisti, *resource workers,* għalliema, ġenituri,studenti u *stakeholders* oħra, fejn l-istudenti kollha jgawdu valur u rispett. Dan jinkludi xogħol kollaborattiv fl-iskola u ma' aġenziji oħra, bħal *Child Development Assessment Unit (CDAU),* Ċentri ta' Riżorsi, NGO's u ambjenti terapewtiċi u edukattivi oħra;

9. The duties and responsibilities of a Supply LSAs shall include the following:

a) Learning Support:

i) Supporting and collaborating with the class teacher and other colleagues. Under the guidance of the class teacher, assisting in the education of all pupils in class, in particular pupils with special educational needs so that their individual curricular entitlement is ensured and their learning needs are catered for;

ii) Participating fully in Making Action Plans sessions (MAPs);

iii) Together with the class teacher, developing and implementing an Individual Educational Programme (IEP) by adapting the lesson plans and resources;

iv) Attending IEP and Individual Transition Plan (ITP) meetings;

v) Reviewing IEPs, including recording and reporting progress of such IEP implementation on a regular basis;

vi) Supporting the class teacher to prepare and write the IEP document of every student with a statement in class;

vii) Assisting in the preparation of educational materials and playing an active part in all the components of the instructional and educational process in class under the direction of the class teacher;

viii) In collaboration with the class teacher, participating in the observation, assessment and documentation process of the performance and behaviour of included learners;

ix) Participating in the respective individual transition programmes to facilitate students as they move from one educational level to another, from school to school, and from school to work, handing over to other involved colleagues, all relevant information and documents so as to ensure a smooth transition for the student;

x) Promoting an inclusive community of learners, in collaboration with Inclusive Education Coordinators (INCOs), specialists, resource workers, teachers, parents, students and other stakeholders, where all students are valued and respected. This includes collaborative work in school and with other agencies, such as the Child Development Assessment Unit (CDAU), Resource Centres, NGO's and other educational and therapeutic environments;

xi) Jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' *hydrotherapy, multi-sensory, sensory integration* u oħrajn fl-iskejjel, Ċentri ta' Riżorsi jew ċentri oħra fejn dawn is-servizzi jingħataw, biex jiġi assigurat l-aċċess għad-drittijiet edukattivi u personali ta' l-istudenti;

xi) Participating in hydrotherapy, multi-sensory, sensory integration and other sessions, in schools, Resource Centres or other centres where such services are available, so as to ensure access to educational and personal entitlements of students;

xii) Jippromwovu f'kull ħin l-għanijiet, l-*ethos* u l-*policies* ta' l-iskola, il-Kulleġġ jew iċ-Ċentru ta' Riżorsi, fejn ikunu qed jaħdmu u jagħtu kontribut attiv bħala membru ta' l-i*staff;*

xii) Promoting at all times the aims, ethos and policies of the school, College or Resource Centre deployed in, and actively working as a member of the staff team;

xiii) Jassistu fil-preparazzjoni, fid-disseminazzjoni u fl-użu tar-riżorsi tat-tagħlim u jiġi assigurat li dawn jinżammu dejjem aġġornati fil-klassi, fl-iskola, u fiċ-Ċentru ta' Rizorsi;

xiii) Assisting in the preparation, dissemination and use of teaching resources ensuring their upkeep in class, school and Resource Centres;

xiv) Jagħtu appoġġ lill-istudent/i waqt attivitajiet barra mill-iskola li jinkludu esperjenzi fil-komunità, fuq il-post tax-xogħol u f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla;

xiv) Supporting student/s during activities held outside the school premises including experiences in the community, work places and other further and higher educational institutions.

xv) Jinkoraġġixxu parteċipazzjoni fi proġetti ta' l-UE u proġetti oħra skond il-pjan ta' żvilupp ta' l-iskola u kif miftiehem mat-Tim tat-Tmexxija ta' l-iskola.

xv) Encouraging participation in EU projects and other projects in accordance with the SDP targets and as agreed with the Senior Management Team.

b) Għajnuna Personali;

b) Personal Support:

Jagħtu għajnuna lil studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali fil-kura u ndafa personali. Din l-għajnuna tinkludi:

Supporting pupils with individual educational needs in their personal care and hygiene needs. This includes:

i) Il-qadi ta' bżonnijiet personali – tindif u ħasil li jinkludi d-dmir li jwasslu l-istudenti sat-*toilet;* li jgħinu lill-istudent jinżà u jilbes; li jnaddfu, jaħslu u jagħtu *shower* u li jbiddlu s-*sanitary towels* u l-*incontinence pads* (ħrieqi);

i) Toileting - cleaning and washing, including accompanying the child to the toilet; undressing and dressing; cleaning, washing and showering; and changing of sanitary towels and incontinence pads;

ii) Jieħdu ħsieb il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu maċ-ċaqliq ta' l-istudenti, fejn u l-mod kif ipoġġu bil-qiegħda, inkluż id-dmir li jerfgħu l-istudenti u jmexxuhom fil-*wheelchair* kif ikun meħtieġ, skond ir-regolamenti ta' l-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà u skond il-linji gwida internazzjonali. Dawn il-linji gwida huma:

ii) Seeing to the mobility, posture and seating needs, including lifting pupils and pushing pupils in wheelchairs according to Health and Safety Regulations issued under the Health and Safety Authority Act taking into consideration international guidelines. The present guidelines shall be:

Irfigħ sa 27 kilogramm isir minn *Supply LSA* wieħed/waħda; irfigħ bejn 28 u 54 kilogramm isir minn żewġ persuni; il fuq minn 54 kilogramm jista' jsir permezz ta' *lift* mekkaniku;

Lifting up to 27 kilograms shall be undertaken by one Supply LSA; lifting between 28 up to 54 kilograms shall be undertaken by 2 persons; beyond 54 kilograms, a mechanical lift is to be used.

Imbuttar ta' *wheelchair* sa 45 kilogramm isir darba kultant; sa 28 kilogramm isir ta' spiss; u sa 9 kilogrammi jsir skond il-ħtieġa;

Pushing wheelchairs: up to 45 kilograms occasionally; up to 28 kilograms frequently; and up to 9 kilograms as necessary.

L-Awtoritajiet Edukattivi kull sentejn isaqsu lill-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà biex jirrevedu dawn il-linji gwida biex jikkonfermawhom jew jaġġustawhom biex jiġu assigurati s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema konċernati.

The Education Authorities shall, evry two years, request the Occupational Health and Safety Authority to review the above-mentioned guidelines with the view of either confirming them or adjusting them to ensure the health and safety of the employees concerned.

iii) Jiżguraw li studenti individwali f'kull ħin jakkwistaw l-ogħla benefiċċju edukattiv u jkollhom l-aħjar sigurtà billi jagħtuhom għajnuna waqt l-edukazzjoni fiżika, il-logħob, il-ħarġiet edukattivi u s-sessjonijiet ta' terapija, kif ukoll billi jagħtuhom jieklu b'mod normali fil-brejk ta' filgħodu, fil-brejk ta' nofsinhar u f'ħinijiet oħra skond il-ħtieġa;

(ċ) Dmirijiet waqt it-Transport;

Mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet tas-sid u x-xufier tal-vettura konċernata rigward is-sigurtà tal-passiġġieri u l-osservanza totali tal-liġi u r-regolamenti relattivi mat-trasport, *Supply LSAs* jistgħu jintalbu biex jaqdu dmirijiet relatati mat-trasport ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali kif ikunu mfissra fl-I*statement* uffiċjali, jew skond kif ikun indikat mill-Kap ta' l-iskola jew awtorità kompetenti oħra. F'dan il-każ, is-*Supply LSAs* għandhom:

i) Jgħinu lill-istudenti jitilgħu u jinżlu minn vettura u f'każijiet ta' studenti li huma f'*wheelchair/buggy,* ilibbsulhom iċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istess *wheelchair/buggy* u ċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istudent biex jassiguraw sigurtà waqt it-trasport;

ii) jissorveljaw u jindukraw l-istudenti fil-vjaġġ minn u lejn l-iskola. Meta jissorveljaw u jindukraw lill-istudenti barra mill-ħin ta' l-iskola, is-*Supply LSAs* jitħallsu bir-rata stabbilita.

10. L-applikanti għandhom:

a) ikunu għalqu it-18-il sena fid-data ta' l-applikazzjoni;

b) ikunu ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea;

ċ) ikunu kapaċi jikkommunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

d) (i) ikollhom ċertifikati f'mhux inqas minn erba' (4) suġġetti tas-*S.E.C*. f'Livell Ordinarju fi grad 5 jew aħjar, u żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat, jew kwalifiki komparabbli

jew

(ii) ikollhom il-*Pre-School Education Certificate* jew kwalifika komparabbli

jew

(iii) ikollhom l-*MCAST-BTEC National Diploma in Early Years* jew kwalifika komparabbli

jew

(iv) ikollhom l-*MCAST-BTEC National Diploma in Care* jew kwalifika komparabbli.

iii) Ensuring the maximum educational benefit and safety for individual pupils at all times by providing them with assistance during physical education, games, excursions and therapy sessions, as well as normal feeding during mid-morning and mid-day breaks and at other times as required.

c. Transport-related Duties:

Without prejudice to the obligations of the owner and driver of the vehicle concerned regarding the safety of passengers and the full observance of the law and regulations related to transport matters, a Supply LSA may be required to carry out transport-related duties, with student with individual educational needs, should the requirement be indicated by the official statement or by the Head of School or other competent authorities. In such cases, the Supply LSA shall:

i) assist in the boarding and un-boarding of pupils on and off the transport vehicle and, in the case of students who are wheelchair/buggy users, put on the restraints on the wheelchair/buggy and also put on the passenger restraint on the students to ensure safety during transportation;

ii) carry out transport supervision duties to and from school when the transport of pupils during normal school hours is necessary; supervision duties carried out outside school hours shall be remunerated at the established rates.

10. Applicants must:

a) be 18 years of age on date of application;

b) be E.U. citizens;

c) be proficient in communicating in Maltese and English;

d) (i) be in possession of at least four (4) S.E.C. Ordinary Level passes at grade 5 or better, and 2 (two) Advanced Level passes or comparable qualifications

or

(ii) are in possession of the Pre-School Education Certificate or comparable qualification

or

(iii) are in possession of the MCAST-BTEC National Diploma in Early Years or comparable qualification

or

(iv) are in possession of the MCAST-BTEC National Diploma in Care or comparable qualification

11. Fil-każ li ma jkunx hemm biżżejjed kandidati eliġibbli skond klawsola 10 is-sejħa għall-applikazzjonijiet hija estiża wkoll għal applikanti li jkollhom certifikati f'mhux inqas minn erba' (4) suġġetti tas-S.E.C. f'Livell Ordinarju fi grad 5 jew aħjar, u suġġett wieħed (1) fil-Livell Avvanzat, jew kwalifiċi komparabbli. Preferenza fil-proċess ta' l-għażla dejjem tingħata lill-applikanti li jkunu eliġibbli skond klawsola 10 (d).

11. In the eventuality that not enough eligible candidates according to clause 10 are successful, the call of applications is extended to applicants who are in possession of at least four (4) S.E.C. 'O' Level passes at grade 5 or better, and one (1) Advanced Level pass, or comparable qualifications. Preference in selection shall always be given to applicants who fulfil eligibility according to clause 10 (d).

12. L-applikanti huma infurmati li d-Direttorat ta' Servizzi Edukattivi diġà qed iwettaq rakkommandazzjonijiet mir-rapport "The Inclusive and Special Education Review" (Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, 2005) fil-kuntest ta' l-iżvilupp ġenerali tas-sistema edukattiva.

12. Applicants are informed that the Directorate for Educational Services is already implementing recommendations of "The Inclusive and Special Education Review" (Ministry of Education, Youth and Employment, 2005) in the context of the general development of the education system.

13. Applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47). L-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta mill-pulizija, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

13. Applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47) those applying from outside must produce a recent police certificate of conduct and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

14. L-applikanti jridu jehmżu ma' l-applikazzjoni d-dettalji (isem, indirizz, pożizzjoni, numri tat-telefon, indirizz ta' l-*email)* ta' persuna li jaċċetta jkun *referee*. Din il-persuna trid tkun persuna integra u f'pożizzjoni ta' awtorità ċivika.

14. Applicants are to attach to their application form the details (name, address, position, telephone numbers, email address) of a person who accepts to act as a referee. This person must be a person of moral and civic standing.

15. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjonijiet; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

15. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and or testimonials (photocopies to be included with applications originals to be produced for verification at the interview).

16. Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiċi maħruġa minn Universitajiet barranin/ Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabiltà ta' kwalifiki maħruġ mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Kultura. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

16. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education and Culture. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

17. L-applikanti eliġibbli ssirilhom intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-ingaġġ.

17. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for engagement.

18. L-applikanti magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

18. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

19. L-applikazzjonijiet fuq formola pprovduta u bil-kaligrafija ta' l-applikant jintlaqgħu mit-Taqsima tal-*Customer*

19. Applications on the form provided and in the applicant's own handwriting together with a summary of

Care, mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex. Il-formola tista' tinġabar mill-uffiċċji hawn fuq imsemmija jew mill-indirizzi tal-*websites:*

http://doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.education.gov.mt

20. Id-data ta' l-għeluq ta' dawn l-applikazzjonijiet hi mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 9 ta' Mejju, 2008.

21. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ simili ieħor sad-data ta' l-għeluq, sakemm ikollhom id-dettalji kollha meħtieġa, jistgħu jkunu kkunsidrati. In-numru tal-*fax* huwa (+356)21225630. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal fi żmien ġimgħa mid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet.

22. Applikazzjonijiet li jintlaqgħu mit-Taqsima tal-*Customer Care*, fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex jingħataw irċevuta dak il-ħin stess.

23. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom jintbagħtu bil-posta rreġistrata kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data ta' l-għeluq. Dawn l-applikazzjonijiet jiġu ċertifikati bil-miktub billi tintbagħat irċevuta fi żmien sebat ijiem ta' ħidma.

It-18 ta' April, 2008

the qualifications and experience will be received in the first instance by, the Customer Care Section, Education Division Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo. The form can be obtained from the offices mentioned above or from website addresses:

http://doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.education.gov.mt

20. The closing date for these applications is not later than noon of Friday, 9th May, 2008.

21. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The fax number is (+356)21225630. The formal application, duly signed by the applicant must reach the office by not later than a week after the closing date.

22. Applications delivered by hand to the Customer Care Section, Education Division Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo will be given a receipt at the time of delivery.

23. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above mentioned dead-line. These applications will be acknowledged in writing as received, and a receipt sent within seven working days.

18th April, 2008

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Project Research Engineer

Intelligent Design and Manufacture of Micro-Parts for Biomedical Applications:
Case Study – The development of a Laparoscopic Surgery Tool and an ICT-based design tool
Dipartiment ta' l-Inġinerija ta' l-Industrija u l-Manifattura

Jinħtieġ Inġinier biex jaħdem fuq proġett, fuq bażi *full-time* (*part-time* li jinvolvi 20 siegħa fil-ġimgħa jkun ikkunsidrat ukoll), li fondi huma ġejjin mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u Teknoloġija. Dan il-proġett huwa intitolat *Intelligent Design and Manufacture of Micro-Parts for Biomedical Applications: Case Study – The development of a Laparoscopic Surgery Tool and an ICT-based design tool*. Dan il-post huwa għal perjodu ta' sena, li jiġi mġedded għal sentejn.

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Project Research Engineer

Intelligent Design and Manufacture of Micro-Parts for Biomedical Applications
Case Study – The development of a Laparoscopic Surgery Tool and an ICT-based design tool
Department of Industrial and Manufacturing Engineering

A Project Engineer is required to work, on a full-time basis (part-time basis involving 20 hours per week will be also considered), on a project funded by the Malta Council for Science and Technology. This project is entitled "Intelligent Design and Manufacture of Micro-Parts for Biomedical Applications: Case Study – The development of a Laparoscopic Surgery Tool". This post is initially for a period of one year, renewable up to two years.

2. L-applikanti jrid ikollhom *undergraduate degree* fl-Inġinerija ta' *1st* jew *2nd Upper Class*. Kwalifika relevanti *postgraduate* u/jew b'esperjenza ta' riċerka jkun ta' vantaġġ.

3. Il-paga tal-post *full-time* hija ta €15,140 (Lm6,500) fis-sena u dik ta' *part-time* hija ta' €8,152 (Lm3,500) fis-sena.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani
Kamru 217, Uffiċċji Amministrattivi
Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta 28 ta' April 2008.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*:

http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

It-18 ta' April, 2008

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post *Part-Time* ta' Uffiċjal fuq Proġett (ESTEEM/Leonardo Project)

Applikazzjonijiet huma milqugħa għall-post *part-time* ta' Uffiċjal ta' Proġett fid-Dipartiment tas-Politika Soċjali u Ħidma Soċjali fil-Fakultà ta' l-Ekonomija, *Management* u *Accountancy*, biex jaħdem/taħdem fuq il-proġett APT – ESTEEM/Leonardo Project. L-applikanti jridu jkunu kreativi u motivati, kapaċi li jaħdmu waħedhom u jużaw l-inizjattiva tagħhom, preferibbilment juru li għandhom diġà esperjenza fuq proġetti. Dan il-post qed jiġi offrut inizjalment għal sena jekk ikun hemm progress pożittiv u jista' jiġi mġedded sa massimu ta' 20 xahar.

2. L-applikanti jrid ikollhom:

Kwalifika universitarja relevanti, esperjenza fuq professjoni fejn tidħol l-għajnuna soċjali jew kapaċità ta' orjentazzjoni soċjali u l-ħiliet u sistemi meħtieġa sabiex jiġi attwat sostenn lin-nies sabiex jagħmlu għażliet tajba fil-karriera;

2. Applicants should be in possession (or in their final year of studies) of an undergraduate degree in Engineering with 1st or 2nd Upper Class standing. Relevant postgraduate qualification(s) and /or research experience will be considered an asset.

3. The full-time post carries an annual salary of €15,140 (Lm6,500) and the part-time post carries an annual salary of €8,152 (Lm3,500).

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:

Director for Human Resources Management and Development
Room 217, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Tuesday, 28th April 2008.

Late applications will not be considered

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 217, Administration Building or from the website:

http://home.em.edu.mt/hr/index2.html.

18th April, 2008

UNIVERSITY OF MALTA

Part-time Post of Project Officer (ESTEEM/Leonardo project)

Applications are invited for the part-time post of Project Officer with the Department of Social Policy and Social Work of the Faculty of Economics, Management and Accountancy, to work on the APT-ESTEEM/Leonardo Project. Applicants must be creative and motivated, capable of working on their own and using their own initiative, preferably with prior work experience in international projects. This post will be offered initially for one year subject to sustained positive progress and may be renewable up to a maximum of 20 months.

2. Applicants should have in there possessions:

A relevant university degree, experience in a helping profession or socially-oriented capacity and an openness to the skills and systems needed in empowering and supporting people in making good career choice and progress;

Ikunu jafu tajjeb u jkollhom esperjenza fuq riċerka;

Preferibbilment ikunu jafu kif iġibu innovazzjoni u jagħmlu xogħol ta' proġetti proattivi u jkollhom esperjenza fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' €20,499 (Lm8,800). Il-paga ta' *part-time* tinħadem fuq bażi ta' *pro-rata*.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati lid:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani

Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar ta' l-Erbgħa, 30 ta' April 2008.

Applikazzjonijiet li jaslu tared ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://www.um.edu.mt/hrmd/quicklinks/recruitment/external_calls.

It-18 ta' April, 2008

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Post ta' *Clerical Officer (Accounts/Payroll)*

(Ref. MPO/205/2005/6)
(Permess ta' l-ETC Nru. 60/2008)

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jimla l-pożizzjoni ta' *Clerical Officer (Accounts/Payroll)*

Rekwiżiti:

a) Ta' l-anqas sitt (6) suġġetti f'livell 'O' bi grad 5/C jew aħjar (li għandhom jinkludu l-Ingliż, il-Malti u l-Matematika)

b) iċ-Ċertifikat ta' l-ECDL

u

ċ) i. ikun għadda f'livell 'A' fl-*Accounts* u f'suġġett ieħor

Good knowledge and experience of research;

Preferably prior knowledge of innovation and proactive project work and experience in organising events.

3. The post carries an annual salary of €20,499 (Lm8,800). The salary of a part-time post will be worked on a pro-rata basis.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates to:

Office for Human Resources Management and Development
Room 217, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Wednesday, 30th April 2008.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 217 or from the website: http://www.um.edu.mt/hrmd/quicklinks/recruitment/external_calls.

18th April, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Post of Clerical Officer (Accounts/Payroll)

(Ref. MPO/205/2005/6)
(ETC Permit No. 60/2008)

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of Clerical Officer (Accounts/Payroll)

Requirements:

a) a minimum of six (6) subjects at 'O' level standard at grade 5/C or better (these must include English, Maltese and Mathematics)

b) the ECDL certificate

and

c) i. a pass at 'A' level standard in Accounts and in one other subject

jew

ii. kwalifika post sekondarja relatata ma' l-*Accounts* jew *Business*.

L-applikanti għandu jkollhom ta' l-anqas (3) snin esperjenza f'pożizzjoni simili.

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-18 ta' April, 2008

A fee of €23.00 (Lm9.87) is to be effected on collection of every tender document.

Tender documents are available for review only on the Foundation for Tomorrow's Schools website: www.fts.com.mt.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

18th April, 2008

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS*

Iċ-*Chairman* ta' l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* jgħarraf illi sa nofsinhar tal-Ġimgħa, id-9 ta' Mejju 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. T2/2008. Arranġament mill-ġdid tan-Naħa tal-Punent ta' l-Uffiċċji Amministrativi ta' l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*.

Kopja tad-dokument ta' l-offerta u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mill-MSA matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju jew permezz ta' *email* fuq l-indirizz: donna.zammit@msa.org.mt. Għandu jitħallas dritt ta' €50 (Lm21.47) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti magħluqin għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti li tinsab fl-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* , it-Tieni Sular, Binja Evans, Triq il-Merkanti, Valletta VLT1179, Tel: 21242420, *Fax*. 21242406 bejn it-8.30 a.m. u l-4.00 p.m.

MALTA STANDARDS AUTHORITY

The Chairman of the Malta Standards Authority (MSA) notifies that sealed tenders will be received up to noon of Friday 9th May 2008 for:-

Tender No: T2/2008. Refurbishment of the West Wing of the Administrative Offices of the Malta Standards Authority.

A copy of the tender document and further information can be obtained from MSA during office hours or through email: donna.zammit@msa.org.mt . A fee of €50 (Lm21.47) will be charged for each tender document.

Sealed tenders should be deposited in the tender box located at the Malta Standards Authority, Second Floor, Evans Building, Merchants Street, Valletta VLT 1179. Tel: 21242420, Fax. 21242406, between 8.30 a.m. to 4.00 p.m.

L-offerti għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar kif ġej:

"Offerta Nru. T2/2008. Arranġament mill-ġdid tan-Naħa tal-Punent ta' l-Uffiċċji Amministrativi ta' l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*"

Sottomissjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* tirriżerva d-dritt li tirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża. Id-deċiżjoni ta' l-Awtorità tkun finali u l-Awtorità mhix obbligata li tagħti raġunijiet għall-aċċettazzjoni jew rifjut ta' xi offerta partikolari.

It-18 ta' April, 2008

Tenders should be clearly marked as follows:

"Tender No: T2/2008 - Refurbishment of the West Wing of the Administrative Offices of the Malta Standards Authority."

Late submissions will not be considered.

The Malta Standards Authority reserves the right to reject any of the offers, even the most advantageous. Its decision will be final and is not bound to give reasons for the acceptance or rejection of any particular tender.

18th April, 2008

KORPORAZZJONI DWAR XOGĦOL U TAĦRIĠ

Fond Soċjali Ewropew – FSE 31

Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ qed tilqa' offerti mingħand organizzazzjonijiet stabbiliti għall-offerti:

ESF31/07/08. Organizzazzjoni ta' Konferenza Trans-Nazzjonali.

ESF31/08/08. Evalwazzjoni tat-*traineeship* għan-nisa li qed jirritornaw fid-dinja tax-xogħol taħt l-FSE 31

ESF31/09/08. Evalwazzjoni tal-*Basic Employment Training Scheme* taħt l-FSE 31.

Kopji tad-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Servizzi Finanzjarji tal-Korporazzjoni f'Ħal Far mit-8.00 a.m. sa nofsinhar bla ħlas.

L-offerti għandhom ikunu f'envelop magħluq u indirizzat lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, Ħal Far. L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju Prinċipali ta' l-ETC f'Ħal Far mhux aktar tard mill-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju 2008.

It-titoli u l-kodiċi ta' l-offerti, kif imsemmija hawn fuq, għandhom jiġu indikati fuq l-envelop.

Il-Korporazzjoni żżomm id-dritt li taċċetta jew tirrifjuta, f'parti jew kollha kemm hi, xi jew kwalunkwe offerta li tasal.

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

European Social Fund – ESF 31

The Employment and Training Corporation is receiving tenders from established organisations for the following:

ESF31/07/08. Organisation of Trans-National Conference

ESF31/08/08. Evaluation of the traineeship for women returnees to the workforce under ESF 31.

ESF31/09/08. Evaluation of the Basic Employment Training Scheme under ESF 31.

Copies of the tender documents may be obtained from the Finance Division of the Corporation in Ħal Far from 8.00 a.m. to noon free of charge.

Tenders should be placed in a sealed envelope and addressed to the Chief Executive Officer, Employment and Training Corporation, Ħal Far. Tenders are to be deposited in the tender box at the ETC Head Office in Ħal Far by not later than 10.00 a.m. of Friday, 9th May 2008.

The tenders' titles and codes, as stated above, are to be indicated on the envelope.

The Corporation reserves the right to accept or refuse in part or whole, any or all of the tenders submitted.

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett Ko-Finanzjat mill-Unjoni Ewropea:
Fond Soċjali Ewropew (ESF)
Rati ta' Ko-Finanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Project Part-Financed by the European Union:
European Social Fund (ESF)
Co-Financing Rate: 75% European Union, 25% Malta Government

KORPORAZZJONI DWAR XOGĦOL U TAĦRIĠ

Fond Soċjali Ewropew – FSE 37

Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ qed tilqa' offerti mingħand organizzazzjonijiet stabbiliti għall-offerti:

ESF37/02/08. Organizzazzjoni ta' seminar, produzzjoni ta' *website*, produzzjoni awdjo/viżiva u disinjar u stampar ta' studju ta' riċerka.

Kopji tad-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Servizzi Finanzjarji tal-Korporazzjoni f'Ħal Far mit-8.00 a.m. sa nofsinhar bla ħlas.

L-offerti għandhom ikunu f'envelop magħluq u indirizzat lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, Ħal Far. L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju Prinċipali ta' l-ETC f'Ħal Far mhux aktar tard mill-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju 2008.

It-titoli u l-kodiċi ta' l-offerti, kif imsemmija hawn fuq, għandhom jiġu indikati fuq l-envelop.

Il-Korporazzjoni żżomm id-dritt li taċċetta jew tirrifjuta, f'parti jew kollha kemm hi, xi jew kwalunkwe offerta li tasal.

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

European Social Fund – ESF 37

The Employment and Training Corporation is receiving tenders from established organisations for the following:

ESF37/02/08. Organisation of a seminar, production of a website, audio/visual production and design and publishing of a study report.

Copies of the tender documents may be obtained from the Finance Division of the Corporation in Ħal Far from 8.00 a.m. to noon free of charge.

Tenders should be placed in a sealed envelope and addressed to the Chief Executive Officer, Employment and Training Corporation, Ħal Far. Tenders are to be deposited in the tender box at the ETC Head Office in Ħal Far by not later than 10.00 a.m. of Friday, 9th May 2008.

The tenders' titles and codes, as stated above, are to be indicated on the envelope.

The Corporation reserves the right to accept or refuse in part or whole, any or all of the tenders submitted.

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett Ko-Finanzjat mill-Unjoni Ewropea:
Fond Soċjali Ewropew (ESF)
Rati ta' Ko-Finanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Project Part-Financed by the European Union:
European Social Fund (ESF)
Co-Financing Rate: 75% European Union, 25% Malta Government

It-18 ta' April, 2008

KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U TAĦRIĠ

Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ qed tilqa' offerti mingħand organizzazzjonijiet stabbiliti għall-offerta:

ETC/A/01/08. Provvista ta' servizzi ta' Konsulenza u Professjonali fil-Qasam ta' l-Arkitettura u Inġinerija Ċivili.

ETC/A/02/08. Servizzi Professjonali fil-qasam ta' l-Inġinerija.

Kopji tad-dokument ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Servizzi Finanzjarji tal-Korporazzjoni f'Ħal Far mit-8.00 a.m. sa nofsinhar bi ħlas ta' €45 (Lm19.32) għal kull dokument.

18th April, 2008

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

The Employment and Training Corporation is receiving tenders from established organisations for the following:

ETC/A/01/08. Provision of Consultancy and Professional Services in the field of Architecture and Civil Engineering.

ETC/A/02/08. Professional services in the area of Engineering.

Copies of the tender documents may be obtained from the Finance Division of the Corporation in Ħal Far from 8.00 a.m. to noon against a payment fee of €45 (Lm19.32) per document.

L-offerti għandhom ikunu f'envelop magħluq u indirizzat lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, Ħal Far. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti fl-Uffiċċju Prinċipali ta' l-ETC f'Ħal Far mhux aktar tard mill-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Mejju, 2008.

It-titolu u l-kodiċi ta' l-offerta, kif imsemmi hawn fuq, għandhom jiġu indikati fuq l-envelop.

Il-Korporazzjoni żżomm id-dritt li taċċetta jew tirrifjuta, f'parti jew kollha kemm hi, xi jew kwalunkwe offerta li tasal.

It-18 ta' April, 2008

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-AFFARIJIET RURALI

Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju, 2008, fil-kaxxa ta' l-offerti fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi tal- Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, 173, Triq San Kristofru, Valletta għal:-

Avviż Nru. 01/08. Provvista, ħażna u konsenja ta' xkejjer ta' *degradable plastic* għall-iskart lill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali

Il-formoli ta' l-offerta u tagħrif ieħor dwar il-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt jistgħu jinkisbu mit-Taqsima *Support Services*, tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, 173, Triq San Kristofru, Valletta, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-18 ta' April, 2008

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-AFFARIJIET RURALI

Id-Direttur ta' l-Agrikoltura fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju, 2008, fil-kaxxa ta' l-Offerti fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, 173, Triq San Kristofru, Valletta għal:-

Avviż Nru. 02/08. Provvista u konsenja sa massimu ta' mitt (100) tunnellata metrika ta' tiben tal-qamħ u sa massimu ta' tletin (30) tunnellata metrika ta' tiben tal-ħafur lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

Tenders should be placed in a sealed envelope and addressed to the Chief Executive Officer, Employment and Training Corporation, Ħal Far. Tenders are to be deposited in the tender box at the ETC Head Office in Ħal Far by not later than 10.00 a.m. of Friday, 9th May, 2008.

The tender title and code, as stated above, are to be indicated on the envelope.

The Corporation reserves the right to accept or refuse in part or whole, any or all of the tenders submitted.

18th April, 2008

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

The Director of Corporate Services of the Ministry for Resources and Rural Affairs notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Department of Corporate Services of the Ministry for Resources and Rural Affairs, 173, Triq San Kristofru, Valletta, up to 10.00 a.m. on Friday, 9th May 2008, for:-

Advt. No. 01/08. Supply, storage and delivery of degradable plastic sacks to the Ministry for Resources and Rural Affairs

Tender forms and other information regarding this advertisement may be obtained from the Support Services Section of the Department of Corporate Services, 173, St. Christopher Street, Valletta, during normal office hours.

18th April, 2008

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

The Director of Agriculture of the Ministry for Resources and Rural Affairs notifies that:-

Sealed tenders will be received in the Tender Box at the Department of Corporate Services of the Ministry for Resources and Rural Affairs, 173, St. Christopher Street, Valletta, up to 10.00 a.m. on Friday, 9th May 2008, for:-

Advert No. 02/08: Supply and delivery of up to one hundred (100) metric tonnes of whole wheat and up to thirty (30) metric tonnes of oat straw to the Department of Agriculture.

Avviż Nru. 03/08. Provvista u konsenja sa massimu ta' erbgħin (40) tunnellata metrika ta' magħlef ta' kwalità tajba lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura

Il-formoli ta' l-offerta u tagħrif ieħor dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn il-kuntratti jistgħu jinkisbu mit-Taqsima "*Support Services*", tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi 173, Triq San Kristofru, Valletta, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-18 ta' April, 2008

Advert No. 03/08: Supply and delivery of up to forty (40) metric tonnes of good quality fodder to the Department of Agriculture

Tender forms and other information regarding this advert may be obtained from the Support Services Section of the Department of Corporate Services, 173, St. Christopher Street, Valletta, during normal office hours.

18th April, 2008

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Mejju 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. UM/1251. Provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' *Data Projectors* u aċċessorji fl-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' €12.00 (Lm5.15) inkluża l-VAT għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. UM/1260. Provvista, konsenja, stallazzjoni, kummissjunar u manutenzjoni ta' *air conditioning units* f'diversi bini fl-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' €25.00 (Lm10.73) inkluża l-VAT għal kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relativi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Procurement,* id-Dipartiment tal-Finanzi, l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 317, Bini ta' l-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jsir il-ħlas fil-*Cash Office,* Pjan Terren, Bini ta' l-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti ta' l-offerti nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Mejju, 2008, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini ta' l-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, l-Imsida.

It-18 ta' April, 2008

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 21st May, 2008 for:-

Advt. No. UM/1251. Supply, delivery, installation, and commissioning of Data Projectors and accessories at the University of Malta.

A document fee of €12.00 (Lm5.15) inclusive of VAT should be paid.

Advt. No. UM/1260. Supply, delivery, installation, commissioning and servicing of air conditioning units in various buildings at the University of Malta.

A document fee of €25.00 (Lm10.73) inclusive of VAT should be paid.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Procurement Section, Finance Department, University of Malta, Msida, (Room 317, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon after having effected payment at the Cash Office, Ground Floor, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 21st May, 2008 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

18th April, 2008

KUNSILL LOKALI XAGĦRA

Il-Kunsill Lokali Xagħra jgħarraf illi:

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' April, 2008, fl-uffiċċji tal-Kunsill fi Vjal it-8 ta' Settembru, jilqa' offerti għal:

1) Stallazzjoni u kkummissjonar ta' sistema ta' C.C.T.V. fil-lokalità tax-Xagħra u

2) *Contract Management* fuq il-kuntratti tal-ġbir ta' l-iskart minn toroq mhux urbani, manutenzjoni tas-sinjali u l-marki tat-toroq u l-knis u t-tindif tat-toroq.

Għandu jitħallas dritt ta' €35.00 (Lm15.03) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerti jinġabru mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Kunsill jista' jirrifjuta kwalunkwe offerta, inkluż l-iktar waħda vantaġġjuża.

It-18 ta' April, 2008

XAGĦRA LOCAL COUNCIL

The Xagħra Local Council invites tenders for:

Sealed tenders will be received at the Council's offices in 8th September Avenue up to 11.00 a.m. of Friday 25th April 2008 at 11.00 a.m.

1) Supply, installation and commissioning of a C.C.T.V. system in the locality of Xagħra and

2) Contract management for refuse collection from non-urban roads, maintenance of signs and markings and street sweeping and cleaning contracts.

A fee of €35.00 (Lm15.03) is to be paid for every copy of tender document.

The tender documents can be collected from the Council's administrative offices

The Council retains the right to refuse any offer, even the most advantageous.

18th April, 2008

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Mejju 2008, fl-uffiċċju tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 54/40. Kisi mill-ġdid ta' parti minn Triq il-Wileġ.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 (Lm10.73) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

L-offerti mitfugħa jinfetħu minnufih wara l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jaċċetta jew jirrofta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-18 ta' April, 2008

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

The San Lawrenz Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received at the Council's office up to noon of Wednesday, 7th May, 2008, for:

Advt. No. 54/40. Re surfacing of part of Triq il-Wileġ.

A fee of €25 (Lm10.73) will be charged for every copy of tender document.

Tender documents and further information may be obtained from the Council's office from Monday to Friday.

Tenders will be opened immediately after the closing time.

The Council reserves the right to accept or reject every tender, even the most advantageous.

18th April, 2008

KUNSILL LOKALI PIETÀ

Il-Kunsill Lokali Pietà jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Mejju, 2008, għand is-Segretarju tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin għall-provvediment tas-servizzi li ġejjin:

a. Servizzi ta' *accountancy;*
b. *Clerical support services.*

Kopji tad-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Pietà, 11, Triq K. Mifsud, Pietà PTA 1550, fuq ħlas ta' €35.00 (Lm15.03).

Il-Kunsill Lokali Pietà iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-18 ta' April, 2008

PIETÀ LOCAL COUNCIL

The Pietà Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received at the Council's Secretary up to noon of Friday, 16th May, 2008, for the provision of the following services:

a. Accountancy services;
b. Clerical support services.

Copies of the tender documents may be obtained from the Pietà Local Council's offices, 11, Triq K. Mifsud, Pietà PTA 1550, against a payment of €35.00 (Lm15.03).

The Pietà Local Council reserves the right to refuse any or all tenders submitted even the most advantageous.

18th April, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

614

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Frar 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 2/2008 JRM, fl-ismijiet Galea Henriette et vs Farrugia Emanuel, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Henriette Galea (ID Numru 557646M) mart Emanuel u l-istess Emanuel Galea (ID Numru 117850M) għal kull interess li jista' jkollu vs Emanuel Farrugia, fit-3 ta' Jannar 2008, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti;

1.Tiddikjara li l-intimat qed jokkupa l-għalqa magħrufa bħala 'Ħal Kbir' limiti Tal-Providenza, Siġġiewi, mingħajr jedd jew titolu validu fil-liġi.

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti, jiżgombra mill-għalqa de qua fuq riferita.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimat li huwa inġunt għas-subizzjoni u bir-riserva ta' kwalsijasi azzjoni għad-danni li tispetta lir-rikorrenti, skond il-liġi.

Xhieda.

Intimat: 24/2, Triq Lorenzo, Siġġiewi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' April 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 14th February 2008, in the records of the Sworn Application number 2/2008 JRM, in the names Galea Henriette et vs Farrugia Emanuel, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, on the 3rd January 2008, in the names Henriette Galea (ID Number 557646M) wife of Emanuel and the same Emanuel Galea (ID number 117850M) for any interest he may have vs Emanuel Farrugia, on the 3rd January 2008, the applicants asked this Honourable Court;

1. To declare that the respondent is occupying the land known as 'Ħal Kbir' limits of Tal-Providenza, Siggiewi, without any right or valid title at law.

2. Condemn the respondent, so that within a short and peremptory period that shall be fixed by this Court, he vacates the field de qua above referred to.

With costs, against the respondent, who is summoned so that a reference to his evidence be made and saving any action for damages due to the applicant according to law.

Witnesses.

Respondent: 24/2, Lorenzo Street, Siġġiewi.

Registry of the Superior Courts, today 15th April 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

615

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla, permezz ta' digriet mogħti fil-1 ta' April 2008, fl-atti Rikors numru 1274/07AF, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs 1. Arcidiacono Imports Company Limited (C 6560) 2. Arcidiacono MFG Company Limited (C 18089) 3. Renato Thomas u Antoinette miżżewġin Arcidiacono (ID Numri 309548M) u 179048M) 4. Franco u Claire miżżewġin Arcidiacono (ID Numri 336571M) u 210673M) 5. Ivano Arcidiacono (ID numri 253974M), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Franco Arcidiacono, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet hawn fuq imsemmija, Rikors numru 1274/07 AF, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs 1. Anthony Arcidiacono Imports Company Limited (C 6560) et, is-soċjetà rikorrenti esponiet bir-rispett;

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor John Gambin datat 19 ta' Diċembru 2003 (Dok 'A') fejn intom ddikjarajtu ruħkom veri, ċerti u likwidi debituri tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' €660,797.67 sitt mija u sittin elf, seba' mija u sebgħa u disgħin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu, (Lm283,680.44), flimkien ma' l-imgħax u spejjeż relativi.

Illi għaddew aktar minn tliet (3) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jiġi eżegwit…omissis…

Illi d-debitu ta' l-intimati mas-soċjetà esponenti llum jammonta għal €793,905.43 seba' mija u tlieta u disgħin elf, disa' mija u ħames Euros u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm341,379.33) – kapital u interessi ….omissis… sal-15 ta' Novembru 2007, oltre l-imgħaxijiet ulterjuri, mis-16 ta' Novembru 2007, sal-jum tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti tawtorizzaha teżegwixxi l-kuntratt in atti tan-Nutar Dott. John Gambin, datat 19 ta' Diċembru 2003, fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex tottjeni l-pagament ta' €660,797.67 sitt mija u sittin elf, seba' mija u sebgħa u disgħin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm283,680.44) flimkien ma' l-imgħax, bl-ispejjeż, kontra l-istess intimati.

Soċjetà Rikorrenti: Bank of Valletta p.l.c.
1/5, Palace Square, Valletta.

Intimati.1…Omissis…

2. … Omissis…

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 1st April 2008, in the records of the Application number 1274/07 AF, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs 1. Arcidiacono Imports Company Limited (C 6560) 2. Arcidiacono MFG Company Limited (C 18089) 3. Renato Thomas u Antoinette spouses Arcidiacono (ID numbers 309548M and 179048M) 4. Franco and Claire spouses Arcidiacono (ID numbers 336571M) and 210673M) 5. Ivano Arcidiacono (ID numbers 253974M), ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Franco Arcidiacono, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names above mentioned, Application number 1274/07 AF, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs 1. Anthony Arcidiacono Imports Company Limited (C6560) et, the applicant company pleaded with respect;

That in virtue of a contract of constitution of debt, in the records of Notary Dr John Gambin dated 19th December 2003, (Doc. 'A') whereby you declared yourself, true, certain and liquid debtors of the applicant company in the sum of €660,797.67 six hundred sixty thousand, seven hundred and ninety seven Euros and sixty seven euro cents, (Lm283,680.44) together with interest and the relative expenses.

That there elapsed more than three (3) years from when the contract above mentioned could have been executed… omissis…

That the debt of the respondents with the applicant company, today amounts to €793,905.43 seven hundred ninety three thousand , nine hundred and five Euros and forty three cents (Lm341,379.33) capital and interests…omissis… till the 15th November 2007, besides further interest, from the 16th November 2007, till the day of effective payment.

Thus the applicant company humbly, prays that it be authorized by this Honourable Court to execute the contract in the records of Notary Dr John Gambin, dated 19th December 2003, in the names above mentioned, in order to obtain payment of €660,797.67 six hundred and sixty thousand, seven hundred and ninety seven Ewro and sixty seven Ewro cents (Lm283,680.44) together with interest, and costs, against the same respondents.

Applicant Company: Bank of Valletta p.l.c.
1/5, Palace Square, Valletta.

Respondents: 1…Omissis…

2. …Omissis…

3. …Omissis…

5. Franco Arcidiacono – Vista, Flat 1, Triq l-Isqof F. S. Caruana, Msida.

6. …Omissis…

7. …Omissis…

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 15 ta' April 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. …Omissis…

5. Franco Arcidiacono – Vista, Flat 1, Bishop F.S. Caruana Street, Msida.

6. ...Omissis…

7. …Omissis…

Registry of the Superior Courts, today 15th April 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

616

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Novembru 2007, fl-atti ta' l-Ittra Uffiċjali ppreżentata fil-21 ta' Awissu 2007, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) kontra 1. Anthony Cutajar (ID Nru. 300183 M) u 2. Daniel Guiney (ID Nru. 13320 (A) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Daniel Guiney, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' l-Ittra uffiċjali ppreżentata fil-21 ta' Awissu, 2007 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) kontra 1. Anthony Cutajar (ID Nru. 300183 M) u 2. Daniel Guiney (ID Nru. 13320 (A) is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. interpellat lill-intimati sabiex fi żmien jumejn iħallasu s-somma ta' €35,294.81 (Lm15,152.06) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mit-3 ta' Awissu 2007, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Omissis.

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk intom tonqsu hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skond il-liġi.

Notifika: Daniel Guiney, Excelsior, Flat 1, Mrabat Street, Sliema SLM 13.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' April 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 2nd November 2007, in the records of the Judicial Letter filed on the 21st August 2007, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) against 1. Anthony Cutajar (ID No. 300183 M) and 2. Daniel Guiney (ID No. 13320 (A) has ordered the publication of this notice in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of the Judicial Letter filed on the 21st August 2007, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) against 1. Anthony Cutajar (ID No. 300183 M) and 2. Daniel Guiney (ID No. 13320 (A) the company Bank of Valletta p.l.c. called upon you the respondents so that within two days they pay the sum €35,294.81 (Lm15,152.06) balance of debt in your Loan Account with Bank of Valletta p.l.c. together with additional interests form the 3rd August 2007, until the date when payment is effected.

Omissis.

The interpellant company warns you that if you fail to do so it will be constrained to proceed against you according to law.

Notify: Daniel Guiney, Excelsior, Flat 1, Mrabat Street, Sliema SLM 13.

Registry of the Superior Courts, today 15th April, 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

617

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru, 2007, fl-atti ta' l-Ittra Uffiċjali ppreżentata fid-19 ta' April 2007, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) kontra Johnson Saviour (ID Nru. 340257 M) u Johnson Mary (ID nru 119058 M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati Johnson Saviour u Johnson Mary, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' l-Ittra Uffiċjali ppreżentata fl-11 ta' Ottubru 2007, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) kontra Johnson Saviour (ID Nru. 340257 M) u Johnson Mary (ID nru 119058 M), Sunisle, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar, (Notifika kull wieħed), HSBC Bank Malta p.l.c. jirriferikom għall-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Nicholas Briffa datat 24 ta' Ottubru 2006 u jinterpellakom sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum tħallsu s-somma ta' €16,670.18 (Lm7,156.80) dovuta a tenur ta' l-istess kuntratt oltre l-imgħaxijiet legali, bir-rata ta' 8% fis-sena mid-9 ta' April 2007, sad-data tal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta'ħlas il-bank mittenti javżakom li se jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tiegħu, mingħajr ebda preavviż ieħor.

Omissis.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' April 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 12th October, 2007 in the records of the Judicial Letter filed on the 19th April, 2007 in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) against Johnson Saviour (ID No. 340257 M) and Johnson Mary (ID no 119058 M) has ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Johnson Saviour and Johnson Mary, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of the Judicial Letter filed on the 11th October, 2007, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) against Johnson Saviour (ID No. 340257 M) and Johnson Mary (ID no 119058 M), Sunisle, Lampuki Street, St. Paul's Bay, (Separate Service) HSBC Bank Malta p.l.c. refers you to the contract in the records of Notary Dr. Nicholas Briffa dated 24th October 2006 and calls upon you so that with seven days from today you pay the sum of €16,670.18 (Lm7,156.80) due in virtue of the said contract together with legal interest at the rate of 8% per annum from the 9th April 2007, until payment is effected.

In the event of failure to pay, the interpellant bank warns you that further steps in Court will be taken against you to enforce its executive title without any further warning.

Omissis.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 15th April, 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

618

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-28 ta' Novembru, 2006 fuq rikors ta' FOX MARY ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, it-28 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-28 ta' Novembru, 2006 li għandu jsir f' 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SEGUNA SABRINA.

Vettura Nissan March bin-numru tar-reġistrazzjoni LCE 484.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 27 ta' Marzu, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 28th November, 2006 on the application of FOX MARY, Wednesday, 28th May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 28th November, 2006 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of SEGUNA SABRINA.

Vehicle Nissan March with registration number LCE 484.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 27th March, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

619

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Lucia Taliana (K.I. 183560M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 137/08 NC) fejn talabet il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID, li jġib in-numru 3260/1999, fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 15 ta' April 2008

BRUNO ZAHRA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Lucia Taliana (I.D. 183560M) filed an application under oath (No. 137/08 NC) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH, with number 3260/1999, in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today 15th April 2008

BRUNO ZAHRA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

620

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' Nota ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' April 2008, Joseph u Maria Theresa Bellia ġabu is-segwenti dokument biex jiġi ppubblikat skond il-fehma u r-rieda tal-Kodiċi Kummerċjali.

Permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Jonathan Zammit, fit-tmienja ta' April 2008, Joseph Bellia, fil-kummerċ, bin Salvatore u Emanuela neé Abela, imwieled Ħ'Attard u residenti San Pawl il-Baħar, għandu l-karta ta' l-identità numru 166066(M) u martu Maria Theresa Bellia, bint John Baptist Gauci u Emanuela neé Cuschieri, imwielda Żejtun u residenti Żejtun, għandha karta ta' l-identità numru 327761(M), emanċipaw lil binhom Clayton Bellia, student, imwieled, Pietà fl-10 ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disgħin, residenti Marsaskala, għandu karta ta' l-identità numru 509890(M) sabiex ikun jista jeżerċita l-Kummerċ ai termini tal-Kapitolu XIII tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' April 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of a Note filed in the First Hall Civil Court, on the 15th April 2008, Joseph and Maria Theresa Bellia produced the following document in order to be published according to the provisions of the Commercial Code.

By means of a contract published by Notary Dr. Jonathan Zammit, on the eight April 2008, Joseph Bellia, in business, son of Salvatore and Emanuela neé Abela, born in Attard and residing in Saint Paul's Bay, having identity card number 166066(M) and his wife Maria Theresa Bellia, daughter of John Baptist Gauci and Emanuela neé Cuschieri, born in Żejtun and residing in Żejtun, having identity card number 327761(M) emancipated their son Clayton Bellia, student, born in Pietà, on the 10th September of the year one thousand nine hundred and ninety, residing in Marsaskala, having identity card number 509890(M) in order that he may carry on acts of trade in terms of Chapter 13 of the Laws of Malta.

Registry of the Superior Courts, today 16th April 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

621

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-14 ta' April 2008 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fuq talba ta' Saviour u Carmen konjugi Muscat (ID 780960M u 451461M) ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jidhru għal Declan John O'Brien u Natasha Pearl Dunne fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 953/08LM fl-ismijiet "Saviour u Carmen konjugi Muscat vs kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lill-assenti Declan John O'Brien u Natasha Pearl Dunne" u fl-atti l-oħra kollha konnessi u anċillari għall-istess fejn talbu:

Illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' €2,838.47 (Lm1,218.56) rappreżentanti arretrati ta' konsum ta' dawl u ilma u permessi relattivi rigwardanti l-fond Da Salvatore illum jismu Euro Bar, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar, li kien mikri lill-intimati skond kuntratt tat-2 ta' Marżu 2007.

Kreditur : 32, Lampuki Street, St Paul's Bay.
Debitur: 10GT, Lower Resort Street, St Paul's Bay.
Eżekuzzjoni: Euro Bar, Triq ir-Ramel, St Paul's Bay.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Inferjuri, u sejjaħ lil kull min irid idaħħal bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dr Joseph Apap Bologna, BA, LL.D., Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti tal-Magistrati hawn fuq imsemmi.

Illum, 14 ta' April 2008

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 16 ta' April 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta), of 14th April 2008, the publication of the following bann which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

REPUBLIC OF MALTA

To the Court Marshall

By a decree given by the Courts of Magistrates (Malta) in the application of Saviour and Carmen spouses Muscat (ID780960M and 451461M) it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent Declan John O'Brien and Natasha Pearl Dunne in the Warrant of Seizure number 953/08LM in the names Saviour and Carmen spouses Muscat vs deputy curators to represent Declan John O'Brien and Natasha Pearl Dunne and in all other relative acts and ancillary to the same were they demanded:

That the respondents are in debit with the applicants in the amount of €2,838.47 (Lm1,218.56) representing arrears of consumption of water and electricity and relative permits regarding the premises Da Salvatore today known as Euro Bar, Triq ir-Ramel, St Paul's Bay, that was rented to the respondents by means of a contract dated 2nd March 2007.

Creditors: 32 Lampuki Street, St Paul's Bay.
Debtors: 10GT, Lower Resort Street, St Paul's Bay.
Execution: Euro Bar, Triq ir-Ramel, St Paul's Bay..

You are ordered to inform everyone that should no one come forward within the time stipulated the Court will proceed in order to chose whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform every one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Court of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Joseph Apap Bologna, BA, LL.D., Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Today, 14th April 2008.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 16th April 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

622

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' Marzu 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fil-21 ta' Jannar 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Carmen Mangion (ID613242M) ta' 56, Antide, Triq ir-Rebbiegħa, San Pawl il-Baħar, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,323.39 (Lm997.43) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (84/08PBC) hija differita għall-10 ta' Ġunju 2008 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 16 ta' April 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 5th March 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C222334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 21st January 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Carmen Mangion (ID613242M) of 56, Antide, Triq ir-Rebbiegħa, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €2,323.39 (Lm997.43) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 84/08PBC) is put off on the 10th June 2008 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 16th April 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

623

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' April 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1153/2007GCD fl-ismijiet Bernard Zahra De Domenico (ID 504146M) kontra Island Promotions Limited (C33946) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Island Promotions Limited, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Novembru 2007, fl-ismijiet Bernard Zahra De Domenico (ID 504146M) kontra Island Promotions Limited (C33946), ir-rikorrenti umilment talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

